# BEWSA LILL-KANUN

Sebaħ jum ta' difa li tgħaxxaq, u Sunta, wara li firxet is-sodda, tat tfarfira u kinset id-dar, hejjiet żingla ilma fietel, qajmet it-tarbija min-nieqa, neżżgħetha u bdiet taħsilha u tbaħbaħha.

Omm żagħżugħa għadha bl-ewwel tarbija, f'saħħitha, bla ħsebijiet kbar li jkidduha u ma jonqosha xejn għalkemm m'hix għanja, Sunta kienet tgħix ħajja ta' hena fil-għożża ta' żewġha u fil-ġabra tad-dar; żewġha, Toni Borg, kien bajjad iżda wara li bdiet il-gwerra, meta l-għadu beda jiġi jaħbat għal Malta bi ħruxija kbira, Toni ħass demmu jbaqbaq u idejh bdew jikluh biex jagħmel xi ħaġa ħalli jitħallas mill-għadu tagħna; darba waħda 'l Toni telgħulu bl-ikrah, xeħet f'rokna s-slielem u l-ħbula, il-bramel u l-pniezel, il-barraxi u l-kazzoli u mar inkiteb suldat.

Żagħżugħ bieżel u fuq ruħu, ħafif u moħħu tajjeb, Toni Borg inxteħet bil-ħrara ta' qalbu kollha għall-ħajja ta' suldat u ma damx ma għadda 'l quddiem; f'qasir żmien laħaq kapural u wara ftit sab ruħu bħala ewlieni fost iċ-ċorma ta' wieħed mill-kanuni fil-fortizza ta' fuq ir-riħ tar-raħal tiegħu. Hemm il-kapural Borg kien għal qalbu ħafna. Meta jkun ħafif mix-xogħol Toni kien jaqbeż qabża sad-dar biex jagħmel żjara lil martu u joqgħod jitgħaxxaq bit-tarbija, iżda hu ma kellux żmien wisq x'jaħli fid-dar għax dik il-ħabta s-suldati kellhom wisq x'jagħmlu fuq il-kanuni. Il-furtizza fejn kien il-kapural Borg kienet waħda mill-aqwa ta' Malta u mhux darba jew tnejn il-għadu ġarrab il-qilla tas-suldati u l-qirda tal-kanuni tagħha; ma' kull ħbit mill-ajru l-kanuni kienu jifthu nar tal-biża' u jimlew is-sema b'xita ta' ħadid w azzar li kienu jtertqu u jfarrku kull ajruplan li jinqabad fil-qrib.

Dak in-nhar tal-ġrajja tagħna, Sunta sebħet ferħana u daħkana, insiet il-hemm u l-għawġ tal-gwerra, ħasset ruħha fil-paċi mad-dinja kollha u qalbha fawwret bil-hena tal-ħajja, riedet issawwab il-faraġ ta' ruħha, infexxet tgħanni u bdiet tfaqqa' bews twil u sħun fuq il-ħaddejn donnhom ħawha ta' bintha. Dik it-tarbija ħarkiena w qawwija, kollha raġġar u tbissim, qisha ċappa risq nieżla mis-sema, b'dak ġisimha lewn ħamrani magħqud kobob qisu sħab f'inżul ix-xemx, kienet tgħaxxaq bi ħlewwitha lil kull min iħares lejha. Kien hemm dehra ta' barka u ta' sliem: l-omm, b'fardal nadif abjad fuq il-libsa w bil-kmiem imxammrin, kienet milwija bi ħrara kbira fuq iż-żingla twieżen fuq idejha lit-tarbija, u din kienet iċċafċaf fl-ilma sħun u dlonk

tmattar riġlejha, ixxejjer idejha, titbissem u tfaqqa' daħk ħelu donnu ħiereġ minn fomm ta' anġlu. It-tarbija kellha għajnejha msammrin f'wiċċ ommha filwaqt li din b'dehwa kbira kienet iddawwar lil bintha minn naħa għal oħra fl-ilma fietel, togħrokha, tlaħlaħha, tinbixha u żżiegħel biha.

F'daqqa waħda Sunta waqfet b'ħasda kbira, għajnejha tberrqu, xufftejha bjadu w wiċċha tqarras: semgħet is-sirena tar-raħal twissi l-ħbit mill-ajru. It-tnewwiħ tas-sirena daħal f'qalb dik l-omm li għall-ewwel infixlet u, bil-qatgħa li ħadet, ġisimha qam xewk xewk, iżda malajr ħsiebha mar fuq bintha u qabadha bħal ferħ ta' ġenn biex teħles lil dik it-tarbija minn kull tiġrib. F'radda ta' salib Sunta ħatfet 'il bintha, ġriet biha lejn is-sodda, medditha fuq xugaman sħun li kienet firxet u hejjiet minn qabel u kebbitha fih.

Madankollu kien beda l-isparar u beda jinħass tfaqqigħ li jriegħed l-art; l-omm twerwret u bla ma qagħdet tfisqi 'l bintha fil-ħrieqi jew tlibbsilha s-sarwal, qabditha, ħaddnitha, rassitha magħha b'għożża kbira w telqet biex toħroġ mid-dar ħalli tmur għall-kenn tal-blat, iżda malli meddet l-ewwel pass inħasset theżhiża tal-waħx, daħal riħ qawwi fil-kamra, inħasset saħna tal-biża', id-dar triegħdet mis-sisien, imbagħad il-kamra ntrefgħet, il-ħitan mielu, is-saqaf infetaħ u kollox beda nieżel u jiġġarraf. "Madonna tal-Mellieħa idħol Inti għalina!" għajtet Sunta maħnuqa bil-biża' filwaqt li bi ħrara kbira rasset 'l bintha ma' sidirha.

* * *

Dak l-ajruplan li kien xeħet il-balla fuq id-dar ta' Sunta ma reġagħx telaq oħra; meta wasal fuq Malta kien imsieħeb minn erba' ajruplani oħra, iżda hu biss irnexxielu jidħol fuq il-Gżira u malli tar fuqha sab ruħu f'xita ta' balal ifaqqgħu ma' dwaru. Il-pilota, biex jeħles, beda jġerri kemm jiflaħ, daqqa jitla' 'l fuq, daqqa jinżel 'l isfel, jinqaleb u jdur 'l hinn u 'l hawn, iżda l-kanuni ta' l-art ma tawhx nifs, kull fejn idur beda jħoss it-theżhiż tat-tfaqqigħ tal-balal u r-raxx ta' frak tal-ħadid itir ma' dwaru.

Il-pilota sab ruħu f'tiġrib li ma satax jeħles minnu, stħajjel ruħu qisu nqabad f'xibka ta' azzar li aktar ma jmur aktar beda jitħabbel fiha, fl-aħħar ix-xorti ħażina wasslitu għattir tal-furtizza fejn kien hemm il-kapural Toni Borg u dikment il-kanuni fetħu n-nar qerriedi tagħhom. Minn fomm il-kanuni bdew jaqbżu waħda f'waħda beraq li jgħammxu l-għajnejn u ma' kull berqa ttir balla li tmur tfaqqa' sewwa sew ħdejn l-ajruplan tal-għadu; dan beda jtir u jinqaleb b'ħeffa tal-għaġeb u l-mexxej tiegħu għamel ħiltu kollha ħalli jaħrab minn dik

il-qirda, biex iħaffef u jżid fit-titjir beda jitlaq il-balal fejn ġie ġie, izda ma sata' jeħles b'xejn: kull fejn idawwar wiċċu l-pilota beda jilmaħ quddiemu balal ifaqqgħu, itajru sriep tan-nar, isiru frak u jħallu warajhom sħab abjad qisu għarma maħluġ, u l-ħin kollu hu kien iħoss il-mewt titrod warajh.

F'daqqa waħda balla li spara Toni Borg mill-kanun tiegħu marret faqqgħet sewwa sew ħdejn il-ġewnaħ tal-ajruplan u qaċċtithulu. L-ajruplan qabeż, inqaleb la ġenba, tilef ix-xejra, imbagħad għodos rasu 'l isfel, beda jaqa' u jdur bħal żugraga u, filwaqt li qabad, ilsna tan-nar bdew jaqbżu minnu u jħallu warajhom radda ta' duħħan iswed w ikrah.

Is-suldati tal-fortizza ħallew għalenija l-kanuni u bdew jaqbżu, iċapċpu idejhom, igħollu l-brieret u jgħajjtu kemm jifilħu bil-ferħ, imbagħad daru mal-kapural Borg, għollewh fuq idejhom, refgħuh fuq spallejhom u bdew iduru bih mal-misraħ tal-fortizza. Il-fizzjali wkoll ferħulu lil Borg u saħansitra l-maġġur ħadlu b'idu; iżda f'daqqa waħda l-għassa ta' ħdejn il-bieb tal-fortizza ħabbar li kien wasal il-kurunell. Is-suldati minnufih inferxu, telqu jiġru u kulħadd mar qagħad f'postu ħiemed u wieqaf kif jitlob is-servizz.

Il-kurunell daħal wieqaf u fuq ruħu, imgħaġġel u mferfex, imsieħeb mill-Maġġur u mill ajjutant; it-tlieta waqfu f'nofs il-wesgħa fejn kien hemm il-kanuni, l-ajjutant baqa' passejn lura u l-kurunell u l-maġġur damu qatigħ jitkellmu bejniethom, il-maġġur il-ħin kollu jdawwar sebgħu l-werrej lejn il-kanun tal-kapural Borg u jxejjer rasu lejn is-sema fejn kien l-ajruplan tal-għadu meta laqtuh. Fl-aħħar il-maġġur għajjat isem il-kapural Borg; dan ħalla l-kanun, telaq igħaġġel u mar waqaf għal għarrieda quddiem il-kurunell filwaqt li ħabbat saqajh ma' l-art, għolla idu l-lemenija quddiem moħħu, ħareġ sidru 'l barra u baqa' wieqaf u iebes.

Il-kurunell, b'leħen għoli biex jisma' kulħadd u bi kliem maħtuf u mgħaġġel, feraħ lil Toni Borg, għall-ħila tiegħu u faħħru quddiem sħabu kollha għall-għaqal, għall-qlubija u għar-reqqa li dejjem wera fis-servizz, imbagħad dar lejn is-suldati kollha u żied iħeġġiġhom biex jixxiebhu lil Toni Borg fil-ħidma tiegħu għall-ġieħ ta' art twelidu u biex iżommu 'l dak il-kapural bħala xempju ta' suldat qalbieni.

Madankollu l-fizzjal tal-għassa kien ħareġ mill-kwartier, resaq lejn l-ajjutant u qallu xi ħaġa f'widintu. L-ajjutant inħasad u baqa' ħosbien għal ftit tal-ħin, imbagħad resaq lejn il-kurunell u l-maġġur u qallhom xi ħaġa minn taħt ilsien. Il-kurunell tħawwad u nfixel, tefa' għall-għarrieda għajnejh fuq il-kapural Borg u baqa' għal ftit tal-ħin iħares lejh donnu

jrid igħidlu xi ħaġa iżda ma jafx kif jibda jkellmu. Fl-aħħar għamel ħila lilu nnifsu u b'leħen mitfi qal: "Kapural Borg għadha kemm waslet aħbar ħażina għalik; jisgħobbija li se nkun jien li nagħtihielek,iżda minħabba f'hekk inkun nista' ukoll naqsam xi ftit miegħek is-sogħba u l-ħasra li waqgħu fuqek bla ħsieb. Il-mara u t-tarbija tiegħek baqgħu mirdumin meta d-dar tiegħek intlaqtet minn balla li xeħet l-ajruplan li waqqajt inti!"

Il-kapural Borg għal dik l-aħbar tkexkex, telgħetlu għoqla fi griżmejh, waqgħet dalma quddiem għajnejh, tatu bħal tixjira mejt, ħass demmu jiksaħ u qalbu tieqaf, iżda hu ma ħalliex il-hemm jirkbu u bla telf ta' żmien rażżan it-telqa li waqgħet fuqu, imbagħad gidem xofftu ta' taħt, wiċċu tqarras, tkemmex u sar qisu parċmina, għajnejh bdew ileqqu u leħħa ta' qilla qabżet minnhom.

Il-kurunell ħa b'id il-Kapural Borg u għafashielu bi ħrara kbira, imbagħad sellem lil kulħadd u telaq igħaġġel. Fizzjali u suldati daru ma' Toni Borg biex isabbruh mill-aħjar li jistgħu, iżda dan ma kellu qalb ikellem lil ħadd u fil-waqt li radd il-ħajr għall-ħasra tagħhom, warrab minn sħabu u mar qagħad għalih. Is-suldati, meta rawh li jixtieq jibqa' waħdu, ħallewh u marru daħlu fil-kwartier jitkellmu ras ma' ras fuq kull ma kien ġara.

Toni Borg meta sab ruħu waħdu ħareġ karba minn qiegħ qalbu u xfar għajnejh ixxarrbu bid-dmugħ, imbagħad tatu bħal sfiċċa, mar b'ġirja lejn il-kanun tiegħu, niżel għar rkobbtejh ma' ġenbu, ħaddnu, għannqu u biesu bil-ħrara ta' qalbu kollha.

Ġużè Galea